

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

23.10.2006

B6-0548/2006

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-President tal-Parlament Ewropew u miċ-Chairmen tal-Gruppi Politiċi

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Hans-Gert Poettering, József Szájer and Péter Olajos, f' isem il-Grupp PPE-DE,
- Martin Schulz, Hannes Swoboda u Csaba Sándor Tabajdi, f' isem il-Grupp PSE,
- Graham Watson u István Szent-Iványi, f' isem il-Grupp ALDE,
- Daniel Cohn-Bendit u Milan Horáček, f' isem il-Grupp Verts-ALE,
- Brian Crowley, Cristiana Muscardini, Roberta Angelilli, Wojciech Roszkowski, Michał Tomasz Kamiński, Konrad Szymański, Ġirts Valdis Kristovskis u Adam Jerzy Bielan, f' isem il-Grupp UEN,

dwar il-50 anniversarju tar-Rivoluzzjoni Ungeriża ta' l-1956 u s-sinifikat storiku tagħha għall-Ewropa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-50 anniversarju tar-Rivoluzzjoni Ungeriża ta' l-1956 u s-sinifikat storiku tagħha għall-Ewropa**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-prinċipji tal-libera, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali - prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri kollha,
- B. billi l-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant kienu mċaħħda mis-sovranità u l-libertà tagħhom mid-diviżjoni ta' Yalta, ta' l-Ewropa ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, għal iktar minn erbgħin sena,
- C. billi r-reġimi Komunisti fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant ma kinux ibbażati fuq il-kunsens jew ir-rieda tal-poplu, u kienu miżmuma mill-okkupazzjoni militari Sovjetika u permezz tal-kollaborazzjoni ta' partiti Komunisti,
- D. filwaqt li jfakkar il-kuraġġ u d-determinazzjoni ta' l-Ungeriżi li niżlu fit-toroq biex jipprotestaw kontra l-ħakma dittatorjali tal-Partit Komunista fit-23 ta' Ottubru 1956,
- E. filwaqt li jesprimi l-istima tiegħu għall-perseveranza ta' l-Ungeriżi li komplew il-għlieda tagħhom għall-indipendenza nazzjonali u d-drittijiet ċivili tagħhom minkejja n-nuqqas ta' għajjnuna militari mill-Punent u l-intervent u l-prevalenza militari kbira ta' l-Unjoni Sovjetika,
- F. filwaqt li jonora l-kuraġġ uman u politiku ta' Imre Nagy, il-prim ministru komunist-riformat ta' l-Ungerija, li fehem b'mod ġust l-espressjoni elementari tar-rieda tal-poplu u qabel li jkun il-mexxej politiku tar-rivoluzzjoni popolari għal-libertà u d-demokrazija, li eventwalment issagrifika ħajtu u sar martri għal-libertà billi kien iġġustizzjat fl-1958 minħabba li ma ċedix għal pressjoni li jirrinunzja r-Rivoluzzjoni pubblikament,
- G. filwaqt li jonora l-vittmi tar-Rivoluzzjoni – 2,170 maqtula fil-għlied – u dawk tar-ritaljazżjoni krudili – 228 iġġustizzjati bejn l-1956 u l-1961, 20,000 meħuda f'kustodja u mibgħuta l-ħabs bejn l-1956-1958, u eluf li saret diskriminazzjoni kontrihom għal għexiren ta' snin wara r-Rivoluzzjoni bir-ritorn tat-tmexxija Komunista,
- H. filwaqt li jesprimi l-gratitudni tiegħu għas-solidarjetà murija mill-poplu f'ħafna pajjiżi tal-Punent hekk kif laqgħu 194,000 refuġjat Ungeriż fl-1956 u l-1957,
- I. jirrikonoxxi l-valur essenzjali tas-solidarjetà bejn in-nazzjonijiet b'mod ġenerali u, b'mod partikolari, bejn diversi nazzjonijiet ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li ġġieldu għal-libertà tagħhom – l-Ungeriżi, iċ-Ċeki, is-Slovakki, il-Pollakki, il-Ġermaniżi, l-Estonjani, il-Latvjani u l-Litwani,

- J. filwaqt li jirrikonoxxi r-rabta storika u politika bejn ir-Rivoluzzjoni Ungeriża f'Ottubru 1956 u diversi forom oħra ta' reżistenza u movimenti ta' reżistenza, bħad-dimostrazzjonijiet ta' Poznan fil-Polonja f'Ġunju 1956, ir-Rebbiegħa ta' Praga ta' l-1968, it-twelid tal-Moviment ta' Solidarjetà fil-Polonja fl-1980 u movimenti ta' demokrazija fl-ex-Unjoni Sovjetika, partikolarment dawk tal-popli Baltiċi,
- K. filwaqt li jirrikonoxxi li r-Rivoluzzjoni Ungeriża kienet attentat storiku għall-għaqda mill-ġdid ta' Ewropa diviża, u bħala tali tibqa' pedament tal-wirt storiku Ewropew komuni tagħna,
- L. filwaqt li jirrikonoxxi kif ir-Rivoluzzjoni Ungeriża kkontribwiet għat-tisħiħ tal-koeżjoni fid-dinja demokratika u għall-ħolqien eventwali tal-Komunitajiet Ewropej fl-1957, u kienet l-anteċedenti għall-bidliet politiċi demokratiċi li seħħew fl-1989-1990 fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, li ppermettiet l-għaqda mill-ġdid paċifika ta' l-Ewropa permezz tal-proċess ta' integrazzjoni ta' l-Ewropa,
1. Jirrikonoxxi r-Rivoluzzjoni Ungeriża ta' l-1956 bħala waħda mill-manifestazzjonijiet emblematiċi fis-seklu 20 tat-tfittxija tal-libertà u d-demokrazija li sfidat il-Komuniżmu fil-blokk Sovjetiku;
  2. Isellem lill-irġiel u lin-nisa kuraġġużi ta' l-Ungerija li, permezz tas-sagrifiċċju tagħhom infushom, taw raġġ ta' tama lil nazzjonijiet oħra taħt il-qawwa tal-ħakma Komunista;
  3. Jenfasizza li l-komunità demokratika trid twarrab b'mod ċar l-ideoloġija Komunista ripressiva u mhux demokratika u żżomm l-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u tiegħu pożizzjoni ċara kull meta huma jiġu miksur;
  4. Jistieden lill-pajjiżi demokratiċi kollha biex jikkundannaw b'mod ċar ir-reati mwettqa mir-reġimi totalitarji kollha;
  5. Jitlob għall-ħolqien ta' programm Ewropew biex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn ċentri ta' riċerka u ta' dokumentazzjoni fl-Istati Membri li jkun qed jeżaminaw ir-reati ta' reġimi totalitarji;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.